# Ningħaqdu biex inqajmu kuxjenza dwar it-theddid ċibernetiku: Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea

**Illum, jibda d-9 Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea (ECSM), li jsir kull sena u li jippromwovi s-sigurtà online fost iċ-ċittadini tal-UE.**

Il-kampanja annwali ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà hija kkoordinata mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Istati Membri tal-UE, tal-Europol, tal-Bank Ċentrali Ewropew, tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) kif ukoll ta' aktar minn 300 sieħeb mis-settur pubbliku u privat. Il-kampanja li ddum għaddejja xahar, tippromwovi r-rakkomandazzjonijiet aġġornati dwar iċ-ċibersigurtà biex tissawwar fiduċja fis-servizzi online u biex tappoġġa liċ-ċittadini fil-protezzjoni tad-*data* personali, finanzjarja u professjonali tagħhom li tkun online.

Fi kliem il-Viċi President għall-Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna, **Margaritis Schinas**: "*L-attakki ċibernetiċi jqiegħdu f'riskju n-negozji tagħna, l-infrastrutturi kritiċi tagħna, id-data tagħna, il-funzjonament tad-demokraziji tagħna. Iċ-ċiberkriminali jisfruttaw l-iċken vulnerabbiltà fl-ambjent diġitali tagħna. Il-kampanja tax-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea għandha l-għan li tgħin lil kulħadd jikseb il-ħiliet meħtieġa biex nipproteġu lilna nfusna u l-istil ta' ħajja tagħna kontra t-theddid ċibernetiku. Il-motto tal-kampanja "Aħseb qabel tikklikkja"* huwa din is-sena aktar rilevanti minn qatt qabel".

Fi kliem id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà, **Juhan Lepassaar**: "*Din is-sena l-kampanja tax-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea qed twassal informazzjoni liċ-ċittadini tal-UE biex jużawha f'ħajjithom ta' kuljum u tagħti pariri biex jipproteġu lilhom infushom mit-theddid ċibernetiku. Qed ningħaqdu mal-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet tal-UE biex inżidu s-sensibilizzazzjoni dwar dan it-theddid u biex nibnu Ewropea affidabbli u ċibersigura."*

Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza taċ-ċibersigurtà. Issa, aktar minn qatt qabel, l-edukazzjoni dwar is-sigurtà diġitali hija kruċjali għaċ-ċittadini biex jidentifikaw ir-riskji u jirreaġixxu b'mod effettiv għat-theddid ċibernetiku.

Kull sena, fix-xahar kollu ta' Ottubru, l-ECSM ilaqqa' liċ-ċittadini tal-UE, lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-korpi tal-UE, u lill-organizzazzjonijiet governattivi, lis-settur privat u lill-akkademja biex jippromwovu d-drawwiet tajbin taċ-ċibersigurtà taħt il-motto "Aħseb Qabel Tikklikkja". Isiru attivitajiet online, inkluż taħriġ, konferenzi, kwiżżijiet, preżentazzjonijiet u kampanji nazzjonali, madwar l-Ewropa, u lil hinn minnha, biex tingħata spinta lis-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji taċ-ċibersigurtà u biex jiġu kondiviżi l-linji gwida aġġornati u l-modi kif jistgħu jittaffew ir-riskji.

Il-kampanja tal-ESCM ta' din is-sena se terġa' tindirizza l-kwistjonijiet ta' sigurtà li jirrigwardaw id-diġitalizzazzjoni tal-ħajja ta' kuljum, li saret b'mod rapidu minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Filwaqt li tħeġġeġ lin-nies "Aħseb Qabel Tikklikkja", il-kampanja tal-2021 tippreżenta temi differenti taċ-ċibersigurtà biex tgħin lill-utenti jidentifikaw u jippreparaw għat-theddid ċibernetiku.

L-ewwel tema tiffoka fuq li "**Tkun Ċibersigur mid-Dar"** billi tagħti pariri dwar kif wieħed jista' jibqa' ċibersigur meta jagħmel tranżazzjonijiet, jikkomunika, jaħdem jew jistudja online. Se jingħataw pariri dwar l-iġjene ċibernetika tajba għall-prattiki online ta' kuljum.

It-tieni tema tipprovdi linji gwida dwar **"L-Ewwel Għajnuna"** ta' x'għandu jsir fil-każ ta' inċident ċibernetiku. L-għan ta' din it-tema huwa li tħeġġeġ liċ-ċittadini jkollhom għarfien akbar tal-aktar theddid ċibernetiku komuni u li jingħata parir dwar kif għandhom jirreaġixxu f'każ li jisfaw vittma ta' frodi tax-xiri online, meta l-karta tal-kreditu u/jew il-kont tal-bank tagħhom ikunu ġew kompromessi u meta l-kont tal-midja soċjali tagħhom ikun ġie aċċessat mingħajr awtorizzazzjoni. L-istejjer reali tal-vittmi se jiġu kondiviżi fil-forma ta' intervisti u filmati.

Din is-sena l-ECSM se jingħaqad mal-Isfida Ewropea taċ-Ċibersigurtà, **l-ECSC** — it-tim rebbieħ tal-ECSC 2021 se jkun l-ambaxxatur tal-kampanja tal-ECSM ta' din is-sena.

Is-sit web uffiċjali tal-kampanja ECSM huwa www.cybersecuritymonth.eu. Is-sit web iservi bħala "hub" tal-informazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u jinkludi paġna biex jiġu rreġistrati l-attivitajiet relatati mas-sensibilizzazzjoni li jkunu miftuħa għall-pubbliku, il-materjal tal-kampanja għall-Istati Membri b'kull lingwa lokali (l-24 lingwa uffiċjali tal-UE huma kollha rrappreżentati), kif ukoll il-linji gwida viżwali tal-kampanja li jistgħu jitniżżlu. L-ECSM jinkludi wkoll kwiżż dwar iċ-ċibersigurtà biex l-utenti jittestjaw l-għarfien tagħhom, u mappa interattiva tal-pajjiżi parteċipi, li tagħti informazzjoni dwar is-servizzi disponibbli f'kull pajjiż biex wieħed jirrapporta u jikseb parir meta jisfa vittma ta' attakk ċibernetiku.

## Dwar ix-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea (ECSM)

Ix-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea (ECSM) huwa l-kampanja annwali tal-Unjoni Ewropea ddedikata għall-promozzjoni taċ-ċibersigurtà fost iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet biex tipprovdi informazzjoni diġitali aġġornata dwar is-sigurtà permezz tas-sensibilizzazzjoni u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin. Kull sena, fix-xahar kollu ta' Ottubru, isiru mijiet ta' attivitajiet madwar l-Ewropa, inkluż konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, taħriġ, webinars, preżentazzjonijiet, kwiżżijiet online u aktar, biex iċ-ċittadini jingħataw riżorsi ħalli jitgħallmu aktar dwar kif jistgħu jipproteġu lilhom infushom meta jkunu online. L-ECSM huwa kkoordinat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) u huwa appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Europol, mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Istati Membri tal-UE, mill-pajjiżi tal-EFTA u minn aktar minn 300 sieħeb (gvernijiet, universitajiet, gruppi ta' riflessjoni, NGOs, assoċjazzjonijiet professjonali, negozji fis-settur privat). Jekk jogħġbok żur cybersecuritymonth.eu/ @CyberSecMonth.

## Dwar l-ECSM tal-2021

Il-kampanja tal-ECSM tal-2021 se tibqa' bl-istess slogan tas-sena l-oħra, "Aħseb Qabel Tikklikkja!" bil-hashtag #ThinkB4UClick. It-tabella ġenerali, "Iċ-Ċibersigurtà hija Responsabbiltà Kondiviża" ukoll se tibqa' fl-2021.

**"Aħseb Qabel Tikklikkja"**

Segwi l-kampanja tal-ECSM fuq Twitter @CyberSecMonth bil-hashtags #CyberSecMonth u #ThinkB4Uclick, u fuq il-Facebook@CyberSecMonthEU

Tista' ssib aktar informazzjoni dwar l-ECSM fuq cybersecuritymonth.eu.